MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 328/2011

**Kevin James Fenech**

**Vs**

**Balkan Properties Consulting Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent kif prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Settembru 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef, sebgha mija u hamsin Ewro (€5,750) rapprezentanti xoghol illi l-attur ghamel lill-kumpanija bhala Direttur ta' l-istess kumpanija konvenuta u dana skond ftehim illi huwa kellu mas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghaxijiet skond il-Ligi sad-data tal-hlas. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u tal-mandat kawtelatorju li gie prezentat kontra l-kumpanija konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-8 ta' Novembru 2011 fejn eccepiet:

*"1. Illi qabel xejn u ghal kull buon fini l-eccipjenti tosserva li hemm zball tipografiku f'isimha li huwa 'Balkan Properties Consulting Limited' (u mhux Balken) u ghalhekk ikun opportun illi ssir korrezzjoni.*

*2. Illi preliminarjament, l-esponenti tecepixxi illi mhiex il-legittimu kontradittur stante illi l-ftehim invokat mill-attur ma sarx mal-eccipjenti izda mal-kumpanija azzjonista Cameron & Cameron Asset Management Limited (Dok BP 1).*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi l-attur ghad fadallu x'jithallas ghax 'xoghol li huwa ghamel lill-kumpanija bhala Direttur'. Ghal kuntrarju, fil-bidu tas-sena 2011 huwa gja thallas is-somma ta' hamest elef euro (Euro 5000) illi tkopri l-hlas tieghu ghas-sena 2011 ai termini tal-ftehim. Ghalhekk l-attur mhux talli rcieva hlas izda talli sahansitra thallas ta' xhur meta ma kienx ghadu direttur fil-kumpanija eccipjenti.*

*4. Illi fil-qosor jidher illi l-attur hass illi r-relazzjoni tieghu mal-klijenta tieghu ma kienitx ghadha mill-ahjar u ghalhekk unilateralment gholla id-directors fess tieghu ghax ippretenda illi jista jaghmel hekk ai termini tas-segwenti klawzola f'pagna 3 tal-kuntratt:*

*"The indemnifier aggress to renumerate the Director according to pre agreed fees. Fees are payable annually in advance and in the event of the imdemnifier removing the Director from Office, are non refundable. The Director may revise the fees it charges from time to time and such new fee structure becomes applicable when communicated to the indemnifier."*

*Sussegwentement, prezumbbilment sabeix 'tiskatta' l-applikazzjoni tal-klawzola unilaterlament iddikjara mal-*

*MFSA illi huwa 'tnehha' mill-posizjoni tieghu fil-kumpanija (kopja tal-Form K annessa bhala dok BP2.*

*Il-konvenuta tikkontesta l-mod kif l-attur interpreta u applika din il-klawsola ghar-ragunijiet segwenti, imressqa minghajr pregudizzju ghal xulxin;-*

*4.1 L-attur ma giex 'removed' ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpanniji izda effettivament irrizenja mill-posizjoni tieghu ta' Direttur.*

*4.2 Il-klawzola fuq citata ma taghti l- ebda dritt lid-Direttur illi unilateralment jgholli t-tariffi tieghu izda hija dejjem soggetta ghal qbil (pre agreed) mal-parti l-ohra.*

*4.3 Stante illi 'fees are payable annually in advance' logikament kwlaunkwe zieda ghandha tirreferi ghas-snin sussegwenti u ma tistax tigi applikata retroattivament.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kalkolu tal-bilanc allegatament dovut huwa fi kwalunkwe kaz zbaljat.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta pprezentata minn Dr. Joseph Camilleri nhar id-9 ta' Jannar 2012 li permezz taghha esebiet zewg dokumenti u cioe' dokument li juri d-data tar-registrazzjoni tal-kumpanija konvenuta datat 9 ta' Marzu 2010 markat Dok A u dokument (Form K) li jikkonferma meta l-attur Kevin James Fenech gie appuntat segretarju u Direttur tal-kumpanija konvenuta li gie markat bhala Dok B. (fol. 15)

**Kevin James Fenech** xehed nhar il-25 ta' Jannar 2012 u b'referenza ghad-dokument immarkat bhala BP1 li jinsab esebit fl-atti a fol 8 et seq ikkonferma li l-claim tieghu mhux ibbazata fuq dan l-*agreement.* Dan huwa *imdenifier agreement* li is-shareholder Cameron & Cameron Management ghamel mieghu bhala Direttur tal-Balkan. Ghalkemm stqarr li l-ftehim li ghamel referenza ghalih fir-rikors promotur tieghu huwa d-dokument BP1. Spjega illi

huwa kien gie ingaggat sabiex jaghti s-servizzi tieghu skond diversi emails li gew skambjati bejnu u bejn Chris Bowden li huwa id-Direttur l-iehor tal-Balkan Properties u huwa ukoll Direttur fis-socjeta’ Cameron & Cameron li hija shareholder f’Balkan Properties Consulting Limited. Jaf li fl-emails li gew skambjati bejniethom kienet saret referenza ghal dan l-agreement BP1. Huwa qal li huwa firmatarju tal-agreement BP1. Huwa jokkupa l-kariga ta Managing Director tas-socjeta’ Fenici Consulting u s-shareholder ta’ din is-socjeta’ ahharija huma huwa stess u l-mara tieghu, Dr Roberta Fenech Gauci.

Huwa ma kienx l-ewwel Direttur tas-socjeta’ Balkan u ma dahalx ghas- *setting up stage* ta’ din il-kumpanija. Il-firmatarju tal-kont bankarju tas-socjeta’ Balkan Properties Consulting Limited kien hu flimkien ma’ Chris Bowden, id-direttur l-iehor.

In kontro-ezami kkonferma li d-dokument BP1 huwa arrangament fejn huwa kellu jigi imdemnified mis-shareholder Cameron & Cameron, rigward kwalsiasi decizjoni li setghet ittiehdet fil-futur ghan-nom ta’ din il-kumpanija. Ma hemm l-ebda rinunzja ghal xi drittijiet dovuti lilu dwar xi pagamenti dovuti. Is-socjeta’ Cameron & Cameron hija socjeta’ estera ibbazata Jersey, u ma ghandhiex assi hawn Malta, waqt li is-socjeta’ Balkan Properties Consulting Limited hija socjeta’ registrata Malta, u ghandha assi l-bank. Qal li wara li l-kumpanija tieghu Fenici kienet taghmel diversi xoghol ghas-socjeta’ Balkan Properties Consulting Limited, Chris Bowden kien talbu biex joqghod Direttur fuq is-socjeta’ Balkan Properties Consulting Limited ghaliex ma kellhomx Direttur Malti. Ddikjara li huwa kien ghamel talba sabiex jithallas is-somma ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) fis-sena u dan ghar-rwol tieghu bhala Direttur. Izda meta sar jaf li r-rwol tieghu kienet ser tkun wahda passiva acetta s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5,000). Dan kollu sar tramite skambji ta’ emails, li pprometta li jesebixxi fis-seduta li jmiss. Qal li dan il-ftehim immarkat BP1 jikkonferma dak li kien diga’ gie miftiehem minnhom tramite skambji ta’ emails, u ghalhekk il-claim tieghu ma saritx limitatament abbazi ta’ dan l-agreement. Stqarr li in

segwitu fix-xhur ta' wara Jannar, Frar, Marzu u April ma baqax aktar Direttur passiv, izda kien attiv hafna, kien hemm hafna kumplikazzjonijiet, anke fuq *debt take overs agreement*, struttura ta' taxxa, ghaliex kien hemm diversi *jurisdictions* involuti u bhala rizultat ta' dawn il-kumplikazzjonijiet kollha qallu li ma kienx kuntent kif kienet qed tigi immanigjata din il-kumpanija, ghaliex huma xtaqu li huwa jkun semplici *rubber stamp*, izda hu ma kienx lest li jaghmel hekk.

Ghalhekk talab li jsir *exta-ordinary general meeting*, liema meeting sar fit-18 ta' Mejju 2011, u f'dan il-meeting li kien hemm xhud ukoll Dr Roberta Fenech Gauci, kien ghamilha cara li jekk mhux ser jittrangaw l-istruttura tat-taxxa, pagamenti li kellhom isiru ghan-nom tal-kumpanija lil-terzi persuni, u li l-kumpanija tirregola ruha mat-tax opinions li kellhom jigu updated sabiex jinkludu lil Malta u jaccettaw li certu spejjez li xtaqu li jinkludu f'din il-kumpanija ma' seghux jigu inkluzi ghaliex gew kommessi fil-Kroatia mhux hawn Malta u affarijiet simili bhal dawn, qalilhom li kien lest li jieqaf milli jaghti is-serivzz tieghu minn dak in-nhar stess jew inkella jaqghu ghat-talba li kien talabhom f'Dicembru u cioe' is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Chris Bowden kien accetta li huwa kien intitolat ghal dak li kien talab qabel u fil-fatt ha il-posizzjoni li tant kien qed jisimpatizza mal-posizzjoni tieghu li huwa wkoll hassu bhala Direttur li kien qed jigi wzat, mill-*beneficial owner*, li kien Craig Cameron. U ghalhekk kien talbu sabiex jirregolarizza il-posizzjoni tal-kumpanija u hekk ghamel, billi huwa ghamel update tat-tax opinions biex jinkludu Malta u affarijiet ohrajn, u bghatlu sensiela ta' emails fejn hemm miktub li huwa kien accetta li huwa jithallas. Fil-fatt qal li kien hemm e-mail partikolari datata 6 ta' Lulju, anzi tliet e-mails li jindikaw li huma kienu accettaw li x-xhud jithallas sabiex isiru il-pagamenti u qal li kollox kellu jsir tramite Internet Banking. Huwa kellu jiprocessa il-pagament izda una volta l-pagament jigi *approved* u *verified* minn Chris Bowden huwa kellu jircievi l-hlas.

Nonostante li qallu biex jiprocessa il-pagament tieghu, dan Bowden iprocessa dak li ried hu pero' il-pagament tieghu baqa' ma giex processat u ghalhekk spicca li ma' thallasx ta' xoghlu. Mistoqsi jekk kienx jibillja fees ohra wiegeb li il-kumpanija tieghu Fenici kienet tibillja lill-Balkan Properties bhala *administration fee* u *fees* sabiex tuza r-*registered office* taghha. It-talba tieghu pero' hija limitata ghal hlas li ghandu jsir lilu personalment.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Balkan Properties Consulting Limited ipprezentata minn Dr. Joseph Camilleri nhar is-7 ta' Marzu 2012 illi permezz taghha esebiet hames dokumenti konsistenti f'e-mails bejn l-attur Kevin James Fenech u Christopher Bowden, immarkati mill-Qorti bhala Dok BPCL 1-5.

Rat in-nota ta' Kevin James Fenech ipprezentata minn PL Edgar Montanaro nhar l-10 ta' April 2012 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu , liema affidavit anness gie markat bhala Dok. PM. Bi qbil mas-socjeta' konvenuta, l-affidavit gie esebit f'envelop issigillat sabiex il-kontenut tieghu ikun accessibbli biss ghal dina l-Onorabbli Qorti u ghall-partijiet infushom.

Fl-affidavit tieghu, **Kevin James Fenech** qal li huwa gie ingaggjat minn Balkan Properties Consulting Limited bhala direttur u segretarju tal-istess kumpanija f'Dicembru 2010. Inizjalment huwa kien offra li jaghti s-servizzi tieghu bhala direttur residenti f'Malta ghall-hlas ta' €10,000 fis-sena, izda minn-naha taghhom il-Balkan Properties Consulting Limited argumentaw illi x-xoghol kien ser ikun wiehed passiv (vide e-mail ta' Chris Bowden datata 30 ta' Dicembru 2010) jigifieri li l-attur ma kienx ser ikun involut fl-amministrazzjoni tal-kumpanija b'mod regolari u attiv kuljum, u ghalhekk ftehmu li l-hlas ikun dak ta' €5,000.

Madanakollu, irrizulta li r-rwol moqdi mill-attur ma kienx wiehed passiv izda kien qed jintalab li jkun tassew attiv fl-amministrazzjoni tal-kumpanija kif ukoll fid-decizjonijiet ta' natura importanti li kienu jittiehdu. Tenna li d-direttur l-

iehor, Chris Bowden, ftit li xejn kien jaf jew japprezza x'kien jinvolvi sabiex tinhadem il-kumpanija fi hdan 'tax structure' li kienet tinvolvi diversi gurisduzzjonijiet fosthom Kroazja, Jersey, Mauritius u Malta stess. Qal li skopra li t-'tax opinion' mahruga mill-Kroazja kienet wahda outdated, u lanqas biss kienet qed tigi segwita f'Malta, dan apparti l-fatt li anke minhabba min kienu l-beneficarji ahharija f'din il-kumpanija li kienet tinvolvi diversi trusts u kumpaniji barranin, id-'due diligence' rikjesta hadet hafna iktar min-normal biex titlesta. Fir-rigward tad-'*due diligence',* id-dokumentazzjoni li hu kien jitlob kienet tkun kwazi dejjem inkompluta u ghalhekk ukoll ittiehed hafna zmien sabiex jingabru d-dokumenti kollha mehtiega u tigi konkluza d-'due diligence'. Tenna li barra dan, skopra wkoll tramite ricerka Google, li sahansitra kien hemm investigazzjoni da parti tal-Jersey Financial Services Commission li l-klijenti tieghu lanqas biss infurmawh dwarha. Stqarr li problema ohra kienet li d-direttur Bowden kien qed jippretendi minn din il-kumpanija fosthom li tiffirma 'debt take over agreements' ma' kumpaniji ohrajn minghajr ma s-socjeta' Balkan Properties Consulting Limited taghmel ebda 'financial gain' minn tali ftehim, li taddotta 'accounting practices' li ma kienux prattikabbli hawn Malta u inoltre il-kumpanija taghmel pagamenti lis-socjeta' 'Offshore' li maghha is-socjeta' Balkan Properties Consulting Limited ma kellha l-ebda relazzjoni guridika. Bowden kien anke insista mal-attur li jiffirma kuntratti li kienu gew 'backdated' izda naturalment huwa irrifjuta.

Meta ra dan kollu, tenna li ta il-feedback tieghu bhala direttur ghal dak li kien qed jipproponi Bowden fir-rigward tat-tmexxija tal-kumpanija u r-rwol taghha fit-'tax structure' hawn fuq imsemmija. In vista ta' email datata 14 ta' April 2011, huwa kien gibed formalment l-attenzjoni ta' Chris Bowden ghall-affarijiet li personalment ma kienux qed joghgbuh fit-tmexxija tal-kumpanija u li kienu qed jehdulu aktar hin minn dak imwieghed. Ghalhekk l-attur sejjah Board Meeting tad-Diretturi f'Malta u talab li l-kwistjonijiet kollha imqajma permezz tal-istess email jigu rizolti jew kjarifikati skond il-kaz. Esebixxa kopja ta' email datata 14 ta' April 2011 u mmarkata bhala dokument KJF1.

Il-Board Meeting sar fit-18 ta’ Mejju 2011 fl-ufficini tal-attur gewwa l-Kalkara fejn kienu prezenti l-attur naturalment, il-mara tieghu Dr. Roberta Fenech Gauci, u Chris Bowden. Waqt din il-meeting, Fenech ghamilha cara mad-direttur l-iehor li hu ma kienx kuntent bil-mod ta’ kif il-kumpanija kienet qed tigi uzata mill-Kroazja u minn Jersey u kif ukoll bil-mod xejn professjonali li bih Bowden beda jmexxi l-kumpanija. Bowden wiegbu li hu wkoll ma kienx kuntent ghaliex hadd ma kien japprezza x-xoghol li jaghmel pero’ qallu li m’ghandux tort ghaliex huwa kien dejjem jimxi fuq dak li jghidulu l-azzjonisti tal-kumpanija. F’dan il-meeting gew diskussi diversi kwistjonijiet li jinsabu elenkati fl-email datat 19 ta’ Mejju 2011 mibghuta mill-attur lil Chris Bowden. F’din l-email, l-attur qallu li l-kumpanija kellha zewg ghazliet – li l-attur stess jirrizenja mill-kariga tieghu bhala direttur u ‘company secretary’, jew li jirrangaw minnufih il-kwistjonijiet kollha li kellhom jigu irrangati. Waqt l-istess meeting, Bowden ta ragun lill-attur u qallu li l-kumpanija kienet ser taghzel it-tieni opzjoni u tara li l-affarijiet jirrangaw, kif ukoll tirrevedi l-fee tal-attur ghal kif inizjalment kien ippropona, u cioe’ minn €5,000 ghal €10,000.  L-attur rega’ ghamilha cara li bl-aktar mod responsabbli ma kienx ser jghaddi pagamenti – inkluz pagamenti lilu nnifsu – qabel ma jkollhom ‘tax opinion’ originali, aggornata u dettaljata mill-Kroazja, peress illi sa dakinhar kull ma kellu fil-pussess tieghu kienu zewg ‘tax opinions’ differenti *f’word document* datati rispettivament 27 ta’ Ottubru 2010 u 10 ta’ Frar 2011 flimkien ma’ tax opinion mahruga minn Malta fost il-kwistjonjiet kollha sollevati f’din il-laqgha u indikati fl-istess email.

Esebixxa kopja tal-e-mail datata 30 ta’ Gunju 2011 mibghuta mill-attur lil Chris Bowden fejn ta referenza ghar-‘revised director’s fee’.

Ghamel referenza ghall-emails mmarkati bhala KJF3-6 mibghutin minn Chris Bowden lill-attur dwar il-pagament.

Sussegwentement, Chris Bowden infurmah permezz ta’ e-mail ohra datata 11 ta’ Lulju 2011 annessa u mmarkata bhala Dokument KJF7, li peress li l-kumpanija Balkan Properties Consulting Limited ma kinitx ser taghmel uzu

mis-servizzi tal-attur, il-pagament dovut lilu ma kienx ser isir.

Zied jghid li fil-31 ta' Ottubru 2011, Fenech ircieva telefonata minghand Dr. Adrian Vella, li issa kien hu is-'service provider' il-gdid ta' Balkan Properties Consulting Limited, u offrielu kif awtorizzat mill-istess kumpanija is-somma ta' €2,000 ghas-saldu tad-drittijiet. L-attur irrifjuta ghal din il-proposta, u anke ghat-tieni wahda maghmul matul l-istess konversazzjoni ta' €2,500. Itenni li sa dan l-istadju, kien diga' inkorra spejjez legali ghas-salvagwardjar tad-drittijiet tieghu.

Tenna li sal-lum il-gurnata ghadu ma thallas xejn mis-somma mwieghda lilu, u cioe' dik ta' €5,000 rapprezentanti somma bilancjali dovuta lilu minn dik akbar ta' €10,000 fis-sena kif patwita u inoltre is-somma ta' €750 rapprezentanti taxxa dovuta minnu peress li hu qatt ma gie registrat mal-ETC u kwindi taxxa kienet ser tigi pagabbli minnu.

**L-attur** ikkonkluda l-affidavit tieghu billi qal li l-iskop ta' Balkan Properties huwa li tingannah, dan ghaliex ghalkemm ghamel ix-xoghol mehtieg biex il-kumpanija tirregola ruhha mal-ligijiet Maltin u barranin u tkun tista' tibda topera regolarment, huwa safa uzat u mnehhi mir-rwol tieghu, dan kollu bl-interess ahhari li lilu icahhduh mill-hlas dovut lilu filwaqt li jibqghu igawdu mix-xoghol kollu maghmul minnu fiz-zmien relattiv.
In kontro-ezami, l-attur nhar it-23 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma jaqbilx ma' dak li gie suggerit lilu, li huwa ma' kienx involut f'dik li hija running tas-socjeta' Balkan Properties Consulting Limited. Fil-fatt meta kien gie ingaggat fil-bidu kien gie imwieghed li ma kienx ser ikollu sehem daqshekk attiv pero' irrizulta susugwentament mal-impijeg tieghu, li fil-fatt is-sehem tieghu kien attiv. Ir-rwol tieghu kien wiehed ta' Direttur u bhal kull Direttur f'kull kumpanija ohra jara li l-ahjar interessi tal-kumpanija, il-kumpanija tibqa' solvent u jkollha fiducial responsibilities u jaghti strategic advise bhala Direttur u jattendi board meetings kemm il-GM kif ukoll l-AGM u jserrah mohhu li r-relazzjoni tal-kumpanija ma' terzi tkun kif suppost, u jaghmel quality

analysis u mhux execute intsructions biss, u certi affarijiet ohrajn simili. Tenna li fis-sitt xhur li kien dam Direttur minn Jannar sa Gunju 2010 kien inzamm AGM wiehed, ittiehdu minuti u dawn gew cirkulati. Saritlu referenza ghal fejn huwa fil-fatt qal li kien talab zieda sabiex jkollu zieda fil-paga tieghu, u jekk huwiex minnu li fil-fatt talab din iz-zieda f'Gunju, u tenna li mhux minnu li din it-talba ghamilha f'Gunju.

Rat is-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi moghtija minnha nhar l-20 ta' Gunju 2012 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija m'ghandhiex relazzjoni guridika mieghu u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota tal-attur kif prezentata fl-atti nhar il-11 ta' Lulju 2012 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' **Dr. Roberta Fenech Gauci**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok RFG.

Hija kkonfermat li flimkien ma' zewgha l-attur huma ko-Diretturi u azzjonisti b'ishma ta' hamsin fil-mija kull wiehed fis-socjeta' FENCI Consulting Limited. Is-socjeta' intimate (BPCL) kienet klijenta tal-kumpanija taghhom Fenci Consulting Limited u zewgha kien gie appuntat Direttur fi hdan l-istess socjeta' BPCL ghall-perjodu li jmur minn Jannar 2011 sa Lulju 2011. Qalet li taf li zewgha sa minn Marzu/April 2011 ma kienx kuntent bl-affarijiet kif kienu qieghdin imorru u fil-fatt beda serjament jikkunsidra li jirrizenja mill-kariga tieghu bhala Direttur fi hdan is-socjeta' intimata. Tenniet li zewgha kien baghat e-mail fl-14 ta' April 2012 lil Chris Bowden li kien id-Direttur l-iehor fi hdan l-istess socjeta' u kienet giet ikkuppjata biha ukoll. Permezz ta' din l- email zewgha kien ghamilha cara li kien hemm diversi kwistjonijiet relatati mal-kumpanija li kellhom jigu trattati urgentement. Fost dawn il-kwistjonijiet relatati mal-kumpanija  kien hemm is-segwenti: Konferma tat-titolu tas-socjeta' intimata fuq proprjeta' fil-villagg bl-isem ta' Bosanka Village gewwa Croatia, investigazzjonijiet imwetqin mill-Jersey Financial Services Commission fir-rigward ta' R2R Croatia Property Fund, kjarifika dwar x'kien ser ikun il-vantagg finanzjarju ghas-socjeta' intimata

jekk din tiffirma ghadd ta’ kuntratti ghal ‘debt take-over’ kif l-istess Direttur Chris Bowden kien qed jinsisti, ir-rwol u relevanza ta’ CMC Global (Mauritus) Ltd oltre t-‘tax structure’ li kellha tigi addottata fir-rigward tad-dhul tas-socjeta’ intimata. Effettivament permezz ta’ l-istess email l-attur kien ghamilha cara li ma kienx kuntent bl-ammont ta’ hin u riskju li kien qed jigi rinfaccjat bih bhala Direttur residenti u espressament irrefera ghall-fatt li kien qed jirriserva li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu bhala Direttur u Segretarju Generali tal-kumpanija.

Ftakret ukoll li kienet prezenti ghall-EGM li sar fit-18 ta’ Mejju 2011 u li sar fl-ufficini taghhom. F’din il-laqgha kien hemm ukoll prezenti zewgha Chris Bowden u tiftakar li zewgha rega’ irrefera ghal kwistjonijiet kollha li semmiet aktar ‘l fuq u fil-fatt talab twegiba fir-rigward ta’ kull kwistjoni minghand l-istess Chris Bowden.

Qalet li waqt l-istess *meeting* zewgha rega’ ghamilha cara illi hu ma kienx kuntent bil-mod kif kienu qieghdin sejrin l-affarijiet konsegwenti ghal dan l-inkarigu u wkoll tal-hlas li kien qed jircievi fir-rigward ammontanti ghal 5,000 Ewro fis-sena biss. Chris Bowden qal li kien qed jifhem il-posizzjoni tieghu u qabel ma dak li kien qed ighid zewgha tant illi huwa stess pinga lilu innifsu bhala vittma innocenti daqs Kevin tal-mod li bih kienet qed titmexxa l-kumpanija. Huwa stess kritika lil Craig Cameron bhala persuna disorganizzata u mhux professjonali (partikolarment ghal dak li ghandu x’jaqsam il-*filing* u kwistjonijiet amminsitrattivi). Huwa talab lill-attur sabiex dan jibqa’ Direttur bil-ghan li jkunu jistghu jirrrangaw flimkien l-affarijiet.

Ghalkemm zewgha ma kkommettiex ruhu jekk kienx ser jibqa’ jew le Direttur tal-kumpanija, u fisser illi kien ghadu jehtieg da parti tieghu li l-kwistjonijiet kollha minnu sollevati jigu kjarifikati u/jew decizi filwaqt illi hu jinghata l-*‘backing’* kollu mehtieg sabiex ikun jista’ jmexxi l-kumpanija tassew kif imiss u skond it-*tax opinions* mahrugin mill-esperti Kroati u Maltin. Huwa talab ukoll zieda permezz ta’ liema huwa jibda jithallas is-somma ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) fis-sena. Qalet li l-attur insista

wkoll li ma kellhom jithallsu l-ebda flus mill-'*account*' bankarju tas-socjeta' konvenuta sakemm it-tax opinions ikunu disponibbli u kwindi jkun hemm '*law structure'* f'postha li tkun tista' tigi operata. Chris Bowden qabel ma' dan, inkluz maz-zieda li kellha tinghata lill-attur bhala Direttur residenti Malta fi hdan il-kumpanija.

In segwitu ghal din il-laqgha u cioe' l-ghada ta' l-istess laqgha, Kevin baghat ukoll e-mail datata 19 ta' Mejju 2011 lill-istess Chris Bowden permezz ta' liema din l- email kienet qed tipprova tkopri punti kollha relevanti li qajmu matul il-laqgha.

Irrizulta fil-fatt li z-zieda ghal ghaxart elef ewro (€10,000) fis-sena giet miftiehma ma' Chris Bowden kemm bhala Direttur tas-socjeta' intimata u kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta' Cameron & Cameron u dan permezz tal-Extraordinary General Meeting li sar fit-18 ta' Mejju 2011 u kif ukoll permezz ta' korrispondenza (vide e mails datati 30 ta' Gunju 2011 u ukoll emails ohrajn datati 6 ta' Lulju 2011).

Roberta Fenech Gauci ddikjarat ukoll li A konferma tal-ftehim milhuq, l-attur kien sahansitra inghata struzzjonijiet sabiex jeffettwa lista ta' pagamenti fis-6 ta' Lulju 2011 liema pagamenti kienu jinkludu ukoll id-*directorship fee* tieghu tal-internet banking. Chris Bowden li kien ukoll ko firmatarju fuq il-kont bankarju tal-kumpanija assigurah li l-pagamenti kienu ser jigu awtorizzati minnu ukoll pero' fl-ahhar spicca awtorizza l-pagamenti l-ohrajn kollha hlief id-'*directorship fee'* dovuta lil zewgha skond kif miftiehem. Kien ghalhekk li kellhom imexxu gudizzjarjament permezz ta' din il-kawza.

**Dr Roberta Fenech Gauci** xehdet in kontro-ezami nhar l-24 ta' Ottubru 2012 u meta mistoqsijha kemm damet klijenta tal-kumpanija taghhom is-socjeta' Balkan Properties Consulting Ltd, ikkonfermat li fil-fatt damet ghal perjodu ta' anqas minn sena. Mistoqsija x'servizzi taghti is-socjeta' Fenici, ikkonfermat li hija taghti servizzi ta' company secretary u corporate services lis-socjeta' Balkan Properties Consulting Ltd. Iddikjarat li tal-

administration fees, is-socjeta' Fenici kienet tithallas filwaqt li ghal pariri ma kinitx. Tenniet li peress li hi tokkupa l-kariga ta' avukat, kienet taghti pariri legali lil Feneci fil-kaz li hija jkollha bzonn, pero' parir legali fir-rigward fis-socjeta' Balkan Properties ma kienx hemm bzonn. Mistoqsija jekk kienx hemm xi general meetings ohrajn apparti dak li hi semmiet fl-affidavit taghha, iddikjarat li ma jidhriliex. Sostniet li bhala procedura, is-soltu, is-socjeta' Fenici Consulting tiehu *directive fee* ta' ghaxart elef (€10,000) Ewro fis-sena, pero' f'dan il-kaz tiftakar li l-Balkan Properties kienu qalulhom li effettivament is-socjeta' in kwistjoni kienet ser tkun wahda passiva u ghalhekk talbu riduzzjoni fil-fees taghhom ghal hamest elef (€5,000) Ewro u huma kienu accettaw dak iz-zmien. Ikkjarifikat li mhux minnu li effettivament kien hemm diskors fis-sens li d-*directive fees* taghhom kellhom jizdiedu. Filwaqt li ziedet li kien hemm dan id-diskors f'Mejju 2011. Sostniet li tiftakar li bejn Marzu u April tas-sena 2011 indunaw li l-involviment ta' Kevin Fenech kien qed ikun aktar minn dak rikjest u kien ghalhekk li bdew jiddiskutu li jkun awmentat id-directive fee. Mistoqsija jekk taqbilx li r-relazzjoni professjonali bejn is-socjeta' Feneci u Balkan spiccatx f'Lulju tas-sena 2011, stqarret li hi certa li Balkan kienet talbet li Kevin Fenech jitnehha minn direttur f'Lulju 2011.  Mistoqsija jekk kinitx hi li abbozzat il-ftehim datat 31 ta' Jannar 2011 li jinsab inserit fl-atti a fol 8 sa 11 tal-atti, iddikjarat li dak il-ftehim ma kitbitux hi u ikkonkludiet li kien Kevin li kien qed jikkorrespondi dwaru u mhux hi.

Rat is-sentenza moghtija minnha stess fl-ismijiet premessi nhar l-20 ta' Gunju 2012 li permezz taghha giet trattata it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li ma kinitx il-legittimu kontradittur tieghu.  Jinghad li f'din is-sentenza din l-eccezzjoni kienet giet michuda.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-mertu tal-kawza u dan fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-mertu.

Ikkunsidrat.

Illi in primis din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>Advertising Limited (C27689) vs Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia'</u>** deciza fit-30 ta Novembru 2011 dwar it-tip ta' prova li jrid iressaq attur f'kawza civili u dan skond il-gurisprudenza nostrana. Jinghad illi:-

a. "*Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).*

*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti millpartijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-*

*logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni ("__**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**__" – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; "__**Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco**__ – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104)"*

Illi f'din il-kawza l-Qorti ma tantx ghandha provi fuq xiex tistrieh u dan qed jinghad ghaliex apparti x-xhieda tieghu, l-attur ressaq biss lil martu Dr Roberta Fenech Gauci tixhed li hija wkoll Direttur tas-socjeta' Fenici Consulting u s-socjeta' konvenuta ma resqet lill-ebda xhud u strahet biss fuq ix-xhieda prodotta mill-attur u l-kontro-ezamijiet li zammet hi. Ma hemmx dubbju li l-partijiet pero' pprezentaw numru ta' dokumenti partikolarment skambju ta' korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet. Dan ma jfissirx li ghaliex is-socjeta' konvenuta ma resqitx provi jfisser li ma kinitx qed toggezzjona ghat-talba attrici pero' hasset li fid-dawl ta' dak prodott mill-attur hija setghet isserrah il-kaz taghha u dan ghaliex anke f'kaz ta' kontumaci ma jfissirx li l-kontumacja hija rebha. Fil-fatt f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "__**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**__", deciza nhar l-24 ta' Novembru 1934 fejn gie ritenut li *"il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja konvenut".* Hemm raguni ghal dan. Il-kontumacja ma tekwivalix ghall-ammissjoni tal-fatti dedotti u lanqas ghal xi manifestazzjoni ta' volunta' favorevoli ghall-pretiza tal-kontroparti. Il-fatti allegati jridu wkoll ikunu pprovati. Naturalment, id-disponibbilita` tal-provi hi mhollija fl-inizjattiva tal-parti u l-gudikant irid jiddeciedi l-kawza in bazi ghal dawk il-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Ma hemm ebda obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci hi l-provi li fid-djalettika processwali huwa fil-poter esklussiv tal-parti.

Issa fil-kaz in desamina l-attur xehed u spjega il-fatti partikolari ghal kaz.

1. Jispjega illi huwa kien gie appunat bhala Direttur tas-socjeta' Balkan Properties Consulting Limtied permezz ta' ftehim datat 31 ta' Jannar 2011 esebit fl-atti a

fol. 8 u mmarkat bhala Dok BP1. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u li skond dan il-ftehim huwa kellu jithallas bhala *Directors fee* is-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000). Lanqas dwar din ic-cifra ma jidher li hemm kontestazzjoni ghalkemm jghid li huwa accetta din is-somma bhala 'fee' ghaliex intqal li kien ser ikun passive Director ghaliex altrimenti kien qed jitlob is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) u dan il-fatt ma jidhirx li huwa kontestat.

2. Jidher li in segwitu l-attur beda bl-inkarigu lilu moghti u beda jaghti is-servizz professjonali tieghu lis-socjeta' konvenuta. Gara pero' li mammano maz-zmien irrizulta li in effetti huwa ma kienx qed jagixxi bhala passive Director izda kien qed jintalab sabiex ikun aktar involut fl-amministrazzjoni tal-kumpanija u dan jirrizulta anke minn esami tal-*e- mails* li gew esebiti u mill-kontenut taghhom, u kif jispjega aktar 'l fuq l-istess attur fl-affidavit tieghu li ma giex kontradett.

3. Illi l-fatt li l-attur kien qed jippartecipa fl-amministrazzjoni tas-socjeta' jirrizulta minn qari ta' e-mail partikolari u cioe' dik datata 14 ta' April 2011 mmarkata bhala Dok KJF1 fejn l-attur ghamilha cara li xtaq li jigu rizolti l-issues kollha imsemmija fl-istess e-mail qabel ma jsiru xi pagamenti u sahansitra anke sejjah laqgha straordinarja fl-ufficcju tieghu u dan qabel ma jaghmlu aktar progress. Jinghad ukoll f'din l-email li l-attur kien wissihom li ma kienx kuntent bil-hlas li kien qed jircievi u li xtaq jikkunsidra l-posizjoni tieghu f'dan ir-rigward wara li tinzamm il-laqgha li ppropona.

4. Il-laqgha nzammet fl-ufficcju tieghu u dan nhar it-18 ta' Mejju 2011 u prezenti mieghu ghal din il-laqgha kien hemm Chris Bowden u martu Dr. Roberta Fenech Gauci. Dakinhar, u ma jidhirx li hu kontestat lanqas, ghamilha cara li ma kienx kuntent kif hu Chris Bowden kien qed jaghmel uzu minn din il-kumpanija Cameron & Cameron li taghha kien Direttur u dan kien qabel mieghu pero' qallu li ma kienx tort tieghu ghaliex hu kien jimxi skond l-istruzzjonijiet li jircievi minghand l-azzjonisti tal-kumpanija.

5. L-attur jghid li dakinhar kien ghamilha cara li jew jirrizenja mill-kumpanija jew jekk jibqa' jagixxi bhala Direttur kellhom jittrangaw l-affarijiet kollha imsemmija u riassunti fl-email tieghu esebita fl-atti mmarkata bhala Dok

KJF 2 datata 19 ta’ Mejju 2011 kif ukoll li jiehu fee ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) fis-sena.

6. Kien f’din l-e-mail datata 30 ta’ Gunju 2011 immarkata bhala Dok KJF 3 li l-attur rega’ semma b’mod specifiku li l-fee tieghu kienet ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) u fil-fatt f’din l-email jitlob “Revised Directors Fee ghaxart elef ewro (Euro 10,000) per annum less Euro 5,000 already paid (Euro 4,250 + Euro 750) meaning balance now is Euro 5000 less the 15% tax to be paid to IRD.”

7. Jidher li Chris Bowden ghan-nom tas-socjeta’ Cameron & Cameron ircieva din l-istess e-mail immarkata bhala Dok KJF 3 tant li wiegeb permezz ta’ e-mail datata 11 ta’ Lulju 2011 markata bhala Dok KJF 7 fejn talab lill-attur jaghmel diversi pagamenti ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta fosthom (IRD Franco, Fenci u audit) purche’ l-attur jirrizenja mill-inkarigu tieghu ta’ Direttur b’effett immedjat.

8. Interessanti hija l-email mibghuta minn Chris Bowden lill-attur nhar is-6 ta’ Lulju 2011 fil-12.36 fejn jghid ex admisses “*your directors fee etc can be dealt with straight away following our payment but we are running out of time today.*”

9. Ghalhekk jirrizulta minn din l-email li is-socjeta’ konvenuta qablet li kelllha thallas lill-attur dak mitlub minnu bhala *Directors fee* u cioe’ is-somma ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) ghal dik is-sena.

Il-Qorti ghamlet dan ir-riassunt tal-fatti li jirrizultaw mill-atti minhabba dak li stqarr l-avukat difensur tas-socjeta’ konvenuta fir-rigward jekk l-attur kienx intitolat ghal dan il-hlas. Fl-ewwel lok jinghad li fil-ftehim esebit fl-atti a fol. 8 et seq rigward Directors fees li kellhom jithalsu lill-attur insibu klawsola ad hoc li tipprovdi s-segwenti “*The Director (l-attur) may revise the fees it charges from time to time and such new fee structure becomes applicable when communicated to the Indemnifier.”*

Ma hemmx dubbju li dan il-ftehim iffirmat mill-kontendenti u cioe’ mill-attur u minn Chris Bowden ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. M’hemmx dubbju ghalhekk li dan il-

ftehim huwa dak komunement maghruf bhala *pacta sunt servanda.*

Il-principju ewlieni mhaddan fil-kamp tal-kuntratti huwa *pacta sunt servanda.* Propju ghaliex il-ligi trid li kuntratt pattwit skond il-ligi jkollu l-forza ta' ligi bejn il-kontraenti.

Fil-kawza "**Spiteri vs Camilleri et**" deciza minn din il-Qorti (PA/RCP) fit-30 ta' Mejju 2002 inghad hekk:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa'dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata",*

Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap. 16** li jaqra hekk: "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.* (ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. -25 ta' Gunju 1996).

Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet '**F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti',** **"***Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-***artikolu 992 (1***), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta'  xi parti*."

Illi l-konvenut ma jichadx li kien hemm dan il-ftehim bejn il-partijiet pero' l-avukat difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni tieghu jghid li skond dan il-ftehim il-fees tal-attur ma setghux joghlew qabel ma tghaddi s-sena ghaliex kieku fil-fehma tieghu dan il-ftehim ma kienx jaghmel sens ghaliex kienu qed jitkelmu fuq fees annwali u s-sena ma kinitx ghaddiet minn meta gie ffirmat il-ftehim u li in oltre ma

kienx jaghmel sens ghalih li d-Direttur stess seta' ibiddel il-hlasijiet li kien intitolat ghalihom.

Bir-rispett kollu pero' din il-Qorti ma taqbilx ma' din ir-ragunament u dan ghaliex kif tajjeb inghad fis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta' April 2002 fl-ismijiet "**<u>Francis Debono et vs Jason Penza</u>**" *"maghdud ma dan hemm fid-dritt ir-regola tradizzjonali illi kontra l-miktub mhumiex ammissibli provi mhux miktuba 'contra testimonium sciptum, testimonium no scriptun non aufuertur'*" (vide ukoll "**<u>Hazan vs Ebejer</u>**" deciza mill-Qorti tal-kummerc nhar it-18 ta' Jannar 1892, "**<u>Jos. Gatt vs Jos. Galea</u>**" deciza mill-Qorti tal-Appelli Civili nhar l-14 ta' April 1975, "**<u>Dolores Mifsud vs Carmelo Rizzo</u>**" deciza mill-Qorti tal-Appelli Civili nhar it-12 ta' Marzu 1984).

Illi mhux talli jirrizulta bic-car li l-partijiet kienu ftiehmu li d-Director (attur) setgha '*revise the fees it charges from time to time'* basta li d-Director '*comunicates such new fee structure'* lis-socjeta' imma anke s-socjeta' konvenuta qablet li l-attur ghandu jithallas u dan permezz tal-email fuq imsemmija esebita fl-atti mmarkata bhala Dok KJF 4 datata 6 ta' Lulju 2011. Illi pero' skond l-email tal-istess attur mibghuta lil Chris Bowden nhar l-20 ta' Gunju 2011 Dok KJF 3 jirizulta li l-attur kien qed jippretendi li jitallas is-somma ta' ghaxart elef Ewro Directors fee. Minn din is-somma jghid li ghandu jithallas il-bilanc ta' hames elef Ewro (€5,000) minus il-15% li ghandha tithallas lil IRD u ghalhekk kien qed jippretendi is-somma ta' erbat elef, mitejn u hamsin Ewro (€4,250 (€5,000 – 15% = €4,250) u mhux hamest elef, sebgha mija u hamsin Ewro (€5,750) kif mitlub minnu. L-attur fl-ebda hin ma jaghti breakdown tas-somma mitluba minnu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiddeciedi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta peress li dawn gja gew sorvolati, qieghda tilqa' it-talba attrici filwaqt li tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta b'dan illi pero' qieghda tirriduci t-talba attrici ghas-somma ta' erbat elef, mitejn u hamsin Ewro (€4,250).**

**L-ispejjez tal-kawza jithalsu mis-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-ittra ufficcjali u tal-mandat kawtelatorju b'dan illi pero' l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum u cioe' mill-jum li giet likwidata s-somma dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------